# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv-Diviżjoni ta' L-Edukazzjoni

| **IR-RABA' SENA** | **STUDJI SOĊJALI (Ġenerali)** | **ĦIN : SIEGĦA U NOFS** |
|---|---|---|

**Isem** ________________________________________ **Klassi** _________________

## Taqsima A

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux anqas minn 30 kelma kull waħda.</u>**

Is-sisien ta' l-edukazzjoni obbligatorja għandhom ikunu l-valuri fundamentali ta' l-***inklużjoni, ugwaljanza, solidarjeta', impenn u demokrazija.***

Aktar minn qatt qabel, qed issir importanti l-idea ta' edukazzjoni tul il-ħajja. Id-dinja tax-xogħol fi żmienna hija waħda dinamika u kompetittiva ħafna, fejn il-bdil u l-iżvilupp ta' snajja', prodotti u servizzi ġodda ma jispiċċa qatt. L-avvanzi teknoloġiċi qed joħolqu bidliet f'makkinarju u f'organizzazzjoni ta' xogħol, ta' oġġetti u ta' modi ġodda kif jitwettqu prodotti qodma. Kulma jmur qed naraw l-importanza li ħaddiem jiddiversifika fix-xogħol, għalhekk il-ħtieġa ta' investiment qawwi fl-edukazzjoni ta' l-adulti jew tal-ħaddiema.

1. Xi tfisser edukazzjoni obbligatorja?
2. Spjega fi kliemek il-kliem skuri u korsiv.
3. Għaliex dawn ta' fuq jissejħu valuri fundamentali?
4. X'tifhem "b'Edukazzjoni tul il-ħajja"?
5. Xi tfisser is-sentenza "Id-dinja tax-xogħol hija waħda dinamika?" Agħti eżempji tat-tifsira tiegħek.
6. X'investimenti saru fl-edukazzjoni ta' l-adulti?
7. Għaliex il-ħaddiem għandu jiddiversifika fix-xogħol?

**(7x5 marki)** ***Total 35 marka***

## Taqsima B

**<u>Agħti d-differenza bejn:</u>**

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | soċjalizzazzjoni primarja | u | soċjalizzazzjoni sekondarja |
| b. | familja simetrika | u | familja nukleari |
| ċ. | gvern demokratiku | u | gvern totalitarju |
| d. | awtosuffiċjenti | u | interdipendenti |
| e. | settur primarju | u | settur terzjarju ta' l-ekonomija |

**(5 x 4 marki)**
***Total 20 marka***

**Taqsima Ċ**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'inhuma istituzzjonijiet? Agħti eżempji ta' istituzzjonijiet differenti.

**5 marki**

2. X'inhuma sanzjonijiet? Għaliex huwa importanti għas-soċjeta' li jkun hemm sanzjonijiet? Agħti eżempji.

**5 marki**

3. Xi tfisser il-kelma kostituzzjoni? Għaliex huwa importanti li pajjiż ikollu kostituzzjoni?

**5 marki**

4. Uri d-differenza bejn bidla soċjali ***evoluzzjonarja*** u bidla soċjali ***revoluzzjonarja***. Agħti eżempji biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

**5 marki**
**Total 20 marka**

**Taqsima D**

**<u>Agħżel wieħed minn dawn u ikteb fit-tul.</u>**

1. Iddiskuti r-relazzjoni li hemm bejn il-Kunsilli Lokali u d-Demokrazija**.**

2. Għalkemm il-familja inbidlet fil-forma tagħha, xorta waħda għadha l-pedament tas-soċjeta'. Iddiskuti.

3 Ikkumenta fuq it-tliet setturi ta' l-ekonomija Maltija.

**25 marka**